MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 269/2012

**Appell Numru: 269/2012**

**Il-Pulizija**
**[Spettur M' Stella Attard]**

**Vs**

**Ludwig Dimech**

Illum, 13 ta' Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Ludwig Dimech, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 135683M talli:

Fid-19 ta' Jannar 2010 ghal habta ta' 4.40p.m u fil-hinijiet ta' qabel, fi Triq Il-Mensija, San Gwann u f' postijiet ohra fil-Gzejjer Maltin;

1. Bhala sid ta’ vettura ta’ 1-ghamla ‘Ready Mix’ tal-marka ‘ERF’ kellek fit triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita’ ghat-Trasport ta’ Malta u mgedda kull sena;

2. Kellek fil-pussess tieghek jew taht ir-responsabbilta tieghek vettura ta’ 1-ghamla ‘Ready Mix’ tal-Marka ‘ERF’ minghajr ma kien registrat ma’ 1-Awtorita’ ghat-Trasport f’ Malta;

3. Kellek fit-triq vettura ta’ l-ghamla ‘Ready Mix’ tal-Marka ‘ERF’ u ksirt il-kundizzjonijiet ii hemm imposta fi-uzu ta’ Trial Run Plate Nru 155;

4. Gieghelt, hallejt jew ippermettejt lii Mario Attard juza jew isuq fit-triq vettura ta’ l-ghamla ‘Ready Mix’ tal-marka ‘ERF’ minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

5. Ghamilt uzu minn marka ta’ registrazzjoni xort’ohra minn dik moghtija mill-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, u cioe ghamilt uzu minn pjanca tan-numri tar-registrazzjoni ohra bin-numru HAW-426 li tappartjeni lil vettura ohra ta’ l-ghamla ‘Tractor Unit’ tal-marka ‘ERF’ 2 Axle and Artic u giet uzata fuq il-vettura ta’ l-ghamla ‘Ready Mix’;

Il-prosekuzzjoni titlob ii 1-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li 1-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-22 ta’ Mejju, 2012, fejn il-Qorti wara li rat 1-artikoli 3, 13, 36(6)(7), 44(5) tal-LS 368.02 u 1-artikolu 3 tal-Kap 104, illiberat lill-imputat mill-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuzi, sabet lill-imputat hati tal-hames (5) akkuza u ikkundannatu ghal hlas ta’ Multa ta’ €1,200 (elf U mitejn Ewro).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ludwig Dimech pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u timmodifika is-sentenza appellata bill tikkonfermaha kwantu iliberatu mil-ewwel, mit-tieni, mit-tielet u mir-raba' imputazzjonijiet u tirrevoka s-sejbien ta' htija taht il-hames imputazzjoni u tilliberah minna u minn kull htija skond il-ligi u fil-kaz li dina 1-Onorabbli Qorti tikkonferma 1-htija tal-esponenti taht il-hames imputazzjoni li tvarja 1-piena nflitta ghal piena ohra nqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u cioe':-

1. L-Ewwel Aggravju

A. Punti ta' dritt

Id-delitt li tieghu l-esponenti nstab hati huwa ravvisat fir-regolament 44(5) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur tas-sena 2009 [Legislazzjoni Sussidjarja 368.02]. Illi a fini ta' pratticita dan is-subinciz qieghed jigi riportat verbatim:

*"(5) Kull persuna li taghmel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun hatja ta' reat."*

B. Provi migjuba l-quddiem in konnessjoni ma' din l-imputazzjoni

Il-prosekuzzjoni ressqet il-quddiem lil rappresentant ta' Transport Malta sabiex jixhed in konnessjoni mal-pjanca numru HAW 426 lil min inharget u ghal-rigward ta' liema vettura.

Illi x-xhud mismugh xehed kif din il-pjanca ta' registrazzjoni inharget minn ransport Malta lil Carmelo

sive Charles Dimech ossia missier l-esponenti u li din il-pjanca nharget sabiex tkun adoperata fuq vettura ohra li ma hijiex proprjeta’ tal-esponenti cioe mhux dik mertu tal-kaz odjern.

Id-difiza minn naha l-ohra resqet il-quddiem lill-istess imputat ii kkonferma bil-gurament kif ma kienx huwa li pogga li l-pjanci ta’ registrazzjoni HAW-426 u lanqas it-Trial Run plate numru 155.

C. Argumentazzjoni

Illi ma huwiex mifhum kif l-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li accettat l-ispjegazzjoni u l-verzjoni tal-akkadut mill-esponenti meta huwa kkonferma bil-gurament kif u x’wassal sabiex instabet it-Trial Run plate numru 155, ma accettatx mil-banda l-ohra l-istess spjegazzjoni tal-esponenti ghar-rigward in-numru ta’ registrazzjoni HAW-426.

Ghandu jigi mfakkar kif ir-raguni li nghatat ghaz-zewg imputazzjonijiet cioe kemm dik numru 5 appellata, kif ukoll in-numru 3 li qed tintalab il-konferma, hija l-istess spjegazzjoni u cioé Ii kien missier l-esponenti li minghajr gharfien tal-esponenti pogga dawn il-pjanci fil-vettura mertu tal-kaz, meta huwa kien qieghed jghabbi l-vettura mertu tal-kaz fuq l-lowloader.

Illi filwaqt li huwa minnu li xhud jista jigi emnut f’kollox jew f’parti, ma jistax jkun percepit kif l-istess raguni tigi accettata li lahqet il-livell tal-probabbli u a bazi ta’ hekk l-esponenti jkun liberat mit-tielet imputazzjoni u fi-istess nifs ma tigix accettata bhala prova fuq il-livell tal-probabbli ai fini tal-hames imputazzjoni.

Il-principju tac-certezza li ghandu jkun rifless f’sentenza ta’ Qorti sabiex b’hekk mhux biss l-interess pubbliku jkun imhares u jkun iccarat mis-sentenza kif il-hati sejjer jbatti tan-nuqqas tieghu u li l-hati jkun jista’ jifhem u japprezza ghal fejn u a bazi ta’ xhiex huwa gie misjub hati, izda fil-kaz ta’ liberazzjoni dan l-istat ta’ certezza ukoll huwa desiderabbli li jkun imhares.

Fil-kaz odjern, bil-fatti kif migjuba 1-quddiem fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, bid-decide tal-Ewwel Qorti, fejn jidher li hemm kunflitt fil-hsieb tal-Qorti, 1-esponenti gie mifxul dwar kif dan seta qatt jigri u konsegwentement anke l-interess pubbliku b'din is-sentenza gie zvijjat.

Illi mil-banda l-ohra anke jekk ghal grazzja tal-argument dan 1-istat ta' apprezzament ta' provi seta ragjonevolment u legittimament jsir, xort wahda l-provi migjuba 1-quddiem mil-prosekuzzjoni ma jwasslux sal-grad tac-certezza morali sabiex 1-esponenti ma jinstab hati.

2. It-Tieni Aggravju - Rigward il-piena

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm il-piena inflitta hija wahda fil-parametri tal-ligi, fl-umli fehmha tal-esponenti din tista' tinghata fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fid-19 ta' Jannar, 2010 ghall- habta ta'4:40 pm PC 670 Walter Shelden kien ghaddej minn San Gwann u nnota quddiem il-fergha tal-Posta ta' San Gwann kien hemm vettura jew trakk thott il-konkos, liema vettura ma kellhiex numru tar-regstrazzjoni u lanqas tal-vettura mal-windscreen. Ix-xufier kien Mario Attard impjegat mal-kumpanija LK Limited illi taghmel xoghol ta' bini, manutenzjoni u turnkey projects. Meta PC 670 staqsa lil Mario Attard min kien responsabli ghal din il-vettura Mario Attard cempel lil Ludwig Dimech u qal illi hu kien baghtu jahdem peress li l-vettura l-ohra illi kellha l-kumpanija kienet bil-hsara. Meta gie osservat li fuq quddiem ma kienx hemm numru, Mario Attard gab pjanci tat-Trial Run minn gol-gabina liema pjanci setghu jintuzaw biss biex vettura tinsaq minn garage ghal garage u mhux biex tintuza fit-tirq u jahdem bih bhalma kien qieghed jaghmel. Fuq wara tal-vettura kien hemm pjanci registrazzjoni HAW 426 li wara nvestigazzjoni irrizulta illi ma kienux ta' dik il-vettura partikulari izda kienu ta' vettura tal-marka "ERF 2 Axle and Artic" registrata f'isem Carmelo Dimech illi jigi missier l-appellant. Xehdu f'din il-kawza

minbarra Walter Shelden, Brian Farrugia u l-appellant. Brian Farrugia ghan-nom ta’ Transport Malta spjega illi l-vettura bin-numru HAW 426 huwa trakk tal-marka “ERF 2 Axle and Artic” registrat fuq Carmelo Dimech, dan it-trakk l-ewwel ma gie registrat kien fis-16 ta’ Awwissu, 2002 u gie registrat fuq Carmelo Dimech fil-11 ta’ Ottubru, 2002, it-trakk ma kienx readymix. L-appellant xehed illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAW 426 hija ta’ missieru. Fid-19 ta’ Jannar, 2010 ir-readymix ittiehed fi propjeta privata biex isir xoghol ta’ konkos fuq low loader u fl-ebda hin ma ntuza fit-triq, ma kienx jaf min pogga n-numru HAW 426 fuq din il-vettura u nnega illi l-vettura ntuzat fit-triq. L-appellant argumenta illi la l-vattura HAW 426 kienet tappartjeni lil missier l-appellant kien dan illi kellu jkun responsabli ghal dan ir-reat. Argumenta illi kien hu wara din il-vicenda u mhux l-appellant u kien hu li ghamel uzu hazin bin-number plate.

Ikkunsidrat.

Interessanti kif l-appellant ipprova jitfa l-htija ta’ dan ir-reat fuq missieru b’dikjerazzjonijiet generici u kategorici illi ma jistghux jigu verifikati. Fir-rikors ta’ l-appell jghid illi kien Charles Dimech illi talab lill-ibnu l-appellant sabiex jiehu fuq il-lant tax-xoghol il-vettura meritu tal-kaz sabiex jippruvha inkwantu jirrigwardja l-metodu ta’ kapacita fix-xoghol tal-konkos. Qal ukoll illi kien missier l-appellant illi kien se jixtri l-bajla tal-konkos meritu tal-kaz minn ghand certu Gejtano Fenech illi kien sid il-bajla. Kien hawnhekk ukoll fir-rikors ta’ l-appell li l-appellant qal ghall-ewwel darba, illi l-vettura twasslet fuq il-lant tax-xoghol permezz ta’ low loader u li fl-ebda hin ma nstqet fit-triq. Din il-verzjoni tikkontrasta bis-shih mill-verzjoni moghtija mill-pulizija Walter Shelden fejn wara li kellem lil Mario Attard dan ta’ l-ahhar qallu li l-appellant kien baghtu biex jahdem bih peress li l-vettura l-ohra kienet bil-hsara. Din il-Qorti thares b’suspett lejn dikjerazzjonijiet generici u kategorici illi ma jistghux jigu verifikati u dawn zgur ma jilhqux lanqas il-livel ta’ probabilita illi l-Ligi tippermetti fuq xhieda ta’ l-imputat. La dan ammetta certa fatti kien ikombi fuqu illi jippruvahom u mhxu ihallihom in arja minghajr possibilta ta’ verifika. Il-verzjoni moghtija mill-appellant hija biss

possibli u dan il-livell ta’ prova mhuwiex ammessibli fl-ebda stadju tal-proceduri, ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragunevalment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi d-disrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------